32003D0908

30.12.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 342/37

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-15 ta' Diċembru 2003
## dwar il-konklużjoni ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jirrelata għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jimmodifika r-raba' Protokoll li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirrelataw għas-sajd previsti fil-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Grenlandja, minn naħa l-oħra fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għal sajd sperimentali u l-programm ta' sostenn tal-budget

(2003/908/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 37, flimkien ma' Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond Artikolu 14 tal-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, min-naħa waħda u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Grenlandja, min-naħa l-oħra ([1]), ż-żewġ Partijiet kellhom negozjati bl-iskop li jiddeterminaw l-emendi għar-raba' Protokoll li jistabbilixxi kondizzjonijiet li jirrelataw għas-sajd previsti f'dak il-Ftehim.

(2) Bħala riżultat ta' dawn in-negozjati, Protokoll li jimmodifika r-raba' Protokoll li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirrelataw għas-sajd previsti fil-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Grenlandja, min-naħa l-oħra, ingħata introduzzjoni fit-18 ta' Gunju 2003.

(3) Il-Protokoll jikkontjeni dispożizzjonijiet dwar sajd sperimentali li l-Partijiet ftiehmu li japplikaw mill-1 ta' Lulju 2003. Għal din ir-raġuni, ż-żewġ Partijiet bdew Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jipprovdi għall-applikazzjoni proviżorja ta' dawn id-dispożizzjonijiet, mill-1 ta' Lulju 2003, u l-programm ta' sostenn tal-budget għal politika strutturali fis-settur tas-sajd fil-Grenlandja. Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri ma jipprovdix għall-applikazzjoni proviżorja ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Protokoll li jimmodifika r-raba' Protokoll. Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jiġi approvat fl-istennija tal-kompletazzjoni tal-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tal-Protokoll li jimmodifika r-raba' Protokoll,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jirrelata għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jimmodifika l-Protokoll li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li jirrelataw għas-sajd previst fil-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Grenlandja, minn naħa l-oħra, għall-perjodu l-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2006, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għal sajd sperimentali u l-programm ta' sostenn tal-budget għal politika strutturali fis-settur tas-sajd fil-Grenlandja, huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-testi tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri u tal-Protokoll li jimmodifika r-raba' Protokoll huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jaħtar il-persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex tintrabat il-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. MARZANO

([1]) ĠU L 29, ta' l-1.2.1985, p. 9.